# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju 2001**

**Numru**
**Citaz. Nru. 1154/99**

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Ignatius Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta` attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut merkanzija;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal tlett elef, tmien mija u

tlett liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm3803.98);

Illi avolja interpellat biex ihallas, inkluz permezz ta' ittra interpellatorja datata 25 ta' Frar 1999 u ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu 1999, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut kif is-socjeta` attrici tikkonferma permezz tad-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma tas-socjeta` attrici m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici ghar-ragunijiet premessi lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-isemmija somma ta' Lm3803.98.

Bl-ispejjez legali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra interpellatorja datata 25 ta' Frar 1999 u ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu 1999 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-Decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Lulju 1999 fejn giet milqugha it-talba kif dedotta kontra l-konvenut bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skond il-procedura ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-Rikors ta' Appell tal-konvenut ipprezentat fit-28 ta' Lulju 1999 fejn wara li elenka c-cirkostanzi tal-kaz talab li l-imsemmija Sentenza tigi revokata u li din il-Qorti takkordalu l-opportunita` li jikkontesta l-kawza u jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet opportuna u di piu` tordna li l-kawza tigi rimessa quddiem il-Qorti biex tinstema' u tigi ttrattata;

Rat ir-Risposta ta' l-appellat fejn wara li ghamel is-sottomissjonijiet relattivi talab li l-imsemmi Rikors jigi michud u s-Sentenza tad-9 ta' Lulju 1999 tigi konfermata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza fejn is-socjeta` attrici qed titlob minghand il-konvenut is-somma ta' Lm3803 prezz ta' gurnali u perjodici mibjugha u konsenjati lill-konvenut skond ma jidher mid-dokumenti A, B, C u D esebiti mac-citazzjoni;

Illi skond ir-riferta fil-process il-konvenut gie notifikat fit-2 ta' Gunju 1999 waqt li l-kawza kienet giet appuntat ghall-14 ta' Gunju 1999 fid-disgha ta' filghodu.

Illi l-Artikolu 169 li jaghmel referenza ghall-Artikolu 167 jistipula li l-konvenut "*ghandu jigi mharrek biex jidher mhux aktar kmieni minn hmistax-il jum u mhux aktar minn tletin jum minn notifika*" u aktar 'l quddiem tawtorizza lill-Qorti biex fil-kaz ta' xi nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet ta' l-istess Artikolu "*taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jigux ippregudikati*";

Illi fid-dawl ta' dan l-Artikolu meta fl-14 ta' Gunju 1999 dehru l-partijiet u d-difensuri il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghad-9 ta' Lulju 1999 u dan skond ma jirrizulta mill-verbal relattiv billi t-terminu kontemplat fil-ligi kien ghadu ghaddej;

Illi l-proceduri sommarji huma l-eccezzjoni u ghalhekk id-disposizzjonijiet relattivi kontemplati fil-ligi ghandhom jigu osservati bir-reqqa; fl-Udjenza ta' l-14 ta' Gunju jidher li l-konvenut kien ilu li gie notifikat biss tnax-il gurnata u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghad-9 ta' Lulju;

Illi f'dik id-data jekk wiehed ihares lejn in-notifika tal-konvenut jirrizulta illi din saret oltre it-tletin gurnata kkontemplati fl-imsemmi Artikolu u ghalhekk mir-rizultanzi processwali jidher li ma gewx osservati t-termini kontemplati fl-Artikolu 169 tal-Kap 12 mehtiega biex il-kawza

tkun tista' tigi mismugha bl-abbrevjazzjoni tat-termini u minghajr il-htiega tas-smigh.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi dan l-Appell billi:-

Tilqa' t-talba tal-konvenut appellant u tirrevoka s-sentenza moghtija fid-9 ta' Lulju 1999 li ddecidiet il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u tawtorizza lill-konvenut jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici; u tirrimetti l-process lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex il-kawza tkun tista' tigi ttrattata u deciza skond id-disposizzjonijiet normali tas-smigh tal-kawzi.

L-ispejjez jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

Deputat Registratur